**28 ta' Ġunju, 1963.**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**
**Onor. W. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**
**Onor. T. Gouder, LL.D.**

George Portelli

*versus*

Reverendu Saċerdot Carmelo Gatt ne.

**Appell minn ritrattazzjoni quddiem il-Bord tal-Kera — Forma ta'**

*Anki meta l-proċedura quddiem il-Bord tkun saret b'libell f'każ ta' ritrattazzjoni, li stess pero, l-appell mis-sentenza mogħtija fuq dak il-libell għandu isir b'rikors.*

Il-Qorti, Rat il-libell tal-imsemmi Portelli quddiem il-Bord li jirregola l-Kera li bih — wara li ppremetta illi b'sentenza tal-fuq imsemmi Bord tas-16 ta' Ottuburu, 1962 fil-kawża fl-ismijiet premessi (Rik. 260/61) il-kera tal-fond Nru. 52, Apostles Fountain Street, San Pawl il-Baħar, minn tnejn u għoxrin lira fis-sena (£22) ġie fissat għal disgħa u għoxrin lira (£29) u billi din is-sentenza hija effett ta' żball, għaliex il-membri tekniċi tal-Bord għamlu kalkoli ħżiena fuq in-nefqa tal-bini tal-post, u għalhekk għandu d-dritt li jir-ritratta din il-kawża għat-termini tal-art. 814 (l) tal-Liġijiet tal-Proċedura Ċivili, u għal kull raġuni oħra valida fil-liġi — talab illi tiġi mħassra l-imsemmija sentenza tas-16 ta' Ottubru, 1962 u li tiġi trattata mill-ġdid l-istess kawża;

Rat is-sentenza ta' dak il-Bord tal-25 ta' April, 1963, li biha ġiet miċħuda t-talba bl-ispejjeż kontra l-libellant;

Rat il-petizzjoni tal-istess Portelli, preżentata quddiem din il-Qorti, li biha appella minn dik is-setenza, talab li tiġi revokata, u li jiġi dikjarat li hemm lok għar-ritrattazzjoni — kif ġiet mitluba mill-appellant, — bl-ispejjeż kontra l-appellat;

Rat ir-risposta tal-imsemmi Saċerdot Carmelo Gatt nomine, li biha dan oppona, in linea preliminari, l-eċċezzjoni tan-nullita tal-Appell, li kien jmessu sar b'rikors u mhux b'petizzjoni, — in subordine, qal li fis-sentenza appellata ma ġie deċiż ebda punt ta' dritt, u għalhekk, peress li ma kienx l-każ ta' żgombrament iżda ta' fissazzjoni tal-kera xieraq, dik is-sentenza ma hijiex appellabbli, — u infine, bla preġudizju, illi s-sentenza appellata hi ġusta u timmerita konferma, bl-ispejjeż;

*Trattat l-appell.*

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti kellha diġa l-okkażjoni li tintrattjeni ruħha b'kwistjoni simili fil-kawża Farrugia vs. Grech, deċiża b'sentenza tas-7 ta' April, 1961, li biha ġie affermat li, anke meta l-proċedura quddiem il-Bord tkun saret b'libell f'każ ta' rittrattazzjoni, l-istess, pero, l-appell lil din il-Qorti mis-sentenza mogħtija fuq dak il-libell għandu jsir b'rikors. Din il-Qorti ma għandhiex ebda raġuni biex titbiegħed minn dak li diġa rritenit;

Għalhekk tiddeċiedi billi tilqa' il-preġudizzjali opposta mill-appellat nomine u tiddikjara l-appell irritu u null bl-ispejjeż kontra l-appellant.